MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru. 763/2007

**Il-Pulizija**

**Spettur Dennis Theuma**

**VS**

**Justin Zahra, iben Carmel (mejjet) u Maria Carmela nee' Cassar imwieled Tal Pieta' nhar il-15 ta' April, 1987, residenti fil-fond Country Flats, Flat No 5, Antonio Sciortino Street, Msida, detentur tal-karta tal-identita' numru 181087M;**

**U Kurt Aquilina, iben Albert u Jacqueline nee' Francalanza, imwieled Tal Pieta' nhar il-5 ta' Frar, 1980,**

**residenti fil-fond numru 61, Depiro Street, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' numru 81690M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Justin Zahra** u **Kurt Aquilina** li gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-9 ta' Settembru, 2007 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

a. Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (raza tal-pjanta cannabis) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assoccjazzjoni;
b. U aktar talli bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Justin Zahra wahdu** talli nhar id-9 ta' Settembru, 2007, u fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

c. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
d. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmfanittura jew li jforni d-droga msemmija, u ma kinx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kinx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professsjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

**<u>Kurt Aquilina wahdu</u>** talli nhar id-9 ta' Settembru, 2007, u fil-gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

g. Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kinx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Rat illi z-zewg imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali that il-Kapitolu 31 u l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll il-Kontro Ordni fil-konfront taz-zewg akkuzati, fir-rigward taz-zewg Kapijiet imsemmija.

Semghet il-provi kollha migjuba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-**<u>Ispettur Dennis Theuma</u>** xehed u qal illi kellhom informazzjoni kunfidenzjali dwar possibilita’ ta’ drug deal li kellha ssehh fil-vicinanzi tas-Savoy. Marru fuq il-post PS 1086, PC 10, WPC 127, PC 120 u xi pulizija ohrajn. Ghamlu sorveljanza tal-area. Skondtu hemm waslet Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni AAN 968, qisha qed tistenna. Ta struzzjonijiet biex issir search f’din il-vettura, fejn kien hemm Justin Zahra u Kurt Aquilina. Kompla jghid illi minn fuq il-persuna ta’ Justin Zahra, fil-but tal-qalziet, instabitlu sustanza ta’ lewn kannella allegatament raza tal-pjanta cannabis.

Saret Inkjesta u gew mahtura l-esperti fir-rigward. Zied illi hu ha l-istqarrijiet tal-imputati – dik ta’ Kurt Aquilina giet ezebita bhala Dok KA (folio 34) u dik ta’ Justin Zahra bhala Dok JZ (folio 35).

Mis-search illi saret fir-residenza ta’ Justin Zahra, xehed illi ma rrizulta xejn.

Kontrarjament fir-residenza ta’ Kurt Aquilina, minn go Tas Sliema, giet elevata pillola ecstasy li hu prezenta bhala Dok DT.

Giet prezentata wkoll l-Inkjesta li saret biex tkopri l-incident in ezami (a folio 39).

Xehdu l-pulizija li kienu nvoluti fis-sejba hawn fuq riferuta.

**<u>PC 10 Trevor Cassar Mallia</u>** xehed illi fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Dennis Theuma marru t-telgha tas-Savoy fejn kellu jsir deal. Xehed dwar il-vettura Peugeot 405 sewda bin-numru tar-registrazzjoni AAN968. Qal illi fiha kien hemm tliet persuni – l-imputati u tfajla. PC 1220 ghamel tfittxija fuq Justin Zahra - minn fuqu, minn gol-but, eleva blokka kannella suspettata raza tal-cannabis.

**<u>WPC 127 Carmen Gauci</u>** xehdet dwar search illi ghamlet fuq passiggier fil-vettura AAM968 – certu Fabian Farrugia, li tat rizultat fin-negattiv.

**<u>WPS 86 Diane Fenech</u>** xehdet dwar l-istqarrija li l-Ispettur Theuma ha lil Justin Zahra.

Xehdet ukoll din il-pulizija, illi l-Ispettur baghthom jaghmlu search ghand Zahra, u li hu minn jeddu tahom pillola mill-komodina". Fil-fatt kif jirrizulta mill-istess xhieda, fejn anke intervjeniet il-Qorti, din ix-xhud, ghalkemm bdiet taghti l-isem ta' Justin Zahra, bdiet turi u tindika lill-ko-imputat Kurt Aquilina. Wara hi kkorogiet dan il-fatt.

Ikkonfermat illi l-ismar kien Justin Zahra li tieghu kienet xhud tal-istqarrija.

**<u>PC 1220 Chris Baldacchino</u>** xehed illi flimkien ma' shabu ohra pulizija waqqfu l-vettura Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni AAM968 misjuqa minn Justin Zahra. Waqqfuh hdjen il-pompa tal-petrol tas-Savoy. Qal illi mill-qalziet ta' Justin Zahra giet elevata blokka ta' lewn kannella suspettata cannabis resin. Gharaf mir-ritratti l-blokka kannella li giet

elevata minn fuq Justin Zahra, kif ukoll kaxxa tablets tal-valium ukoll elevati minn fuq Zahra.

Fl-Inkjesta gie nominat **Godwin Sammut**. Dan prezenta tliet rapport - tnejn dwar id-droga misjuba, iehor dwar il-valur.

Ikkonkluda hekk:

a. "*Illi fl-estratt mehud mill-blokka ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 562_07)01, instabet is-sustanza* ***Tetrahydrocannabinol*** *sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz tal-blokka kien ta'* ***247 grammi*** *u l-purita' kienet ta' circa* ***11%****. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta;*

b. *Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 562_07_02, instabet is-sustanza* ***Tetrahydrocannabinol****, sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

c. *Illi minn swab mehuda mill-mus li hemm fid-dokument 562_07_03, ma nstabitx is-sustanza* ***Tetrahydrocannabinol*** *jew xi sustanza ohra li hija kkontrollata bil-Ligi.*"

(folio 62 – 63)

"*Illi fl-estratt mehud mill-pillola li hemm fid-dokument 203_08_01 instabet is-sustanza* ***3,4-***

***<u>Methylenedioxymethamphetamine (MMDNA)</u>****. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

(folio 162).

"*Ghalhekk, il-valur tad-droga raza tal-cannabis li kien hemm fil-kaz Pulizija kontra Justin Zahra huwa ta':*

*741 Euros (minimum) jew 1482 Euros (maximum)*

*(Lm318.11 (minimum)jew Lm636.22 (maximum)*"

(folio 97).

Gew ezebiti wkoll ir-relazzjoni tas-SOCO u tar-ritratti mehuda minn PC 1525 u PS 964.

Dwar il-vettura msemmija li fiha nqabdu l-imputati, **<u>Stephen Cachia</u>** in rapprezentanza tal-Licensing and Testing Directorate qal illi din il-vettura kienet tappartjeni lil Justin Zahra, pero kienet mixtrija bir-Regulation 25 – il-karozza ma kinitx ghalhekk imhallsa kollha. Dan xehed fis-sena 2008.

Minn naha tieghu **<u>Dr Martin Bajada</u>** prezenta r-relazzjoni tieghu rigwardanti l-analizi li hu ghamel fuq il-kontenut tac-cellulari mehuda minghand l-imuptati, Dok MB.

Aktar tard, Dr Bajada spjega li fil-fatt dak il-mobile li fir-relazzjoni kien jidher illi kien jappartjeni lil Zahra tal-ghamla Sharp kellu juri l-contact list li kien riprodott fuq il-mobile l-iehor analizzat. Spjega aktar tard illi l-kontenut muri fid-Dok

MB, cioe' dak estratt mic-cellulari, kien hemm biss cross reference. Kien car illi l-findings tar-rapport kienu korretti. Seduta stante huwa kkorega dan.

Gie wkoll ezebit Social Inquiry Report minn **Gordon Grima**, illi ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok GG. Dan jikkoncerna lil Kurt Aquilina. Tista' tghid illi dan huwa rapport li jaghti stampa pozittiva ta' Aquuilina.

Kif gie suriferut, il-Prosekuzzjoni ezebiet l-istqarrijiet tal-imputati.

Kurt Aquilina kellu l-eta' ta' sbatax(17)-il sena meta rrilaxxa l-istqarrija. Ghamel dan fi zmien meta waqt l-investigazzjoni ma giex moghti d-dritt ta' assistenza legali. Harsa lejn il-fedina penali tieghu – Dok DT2, turi li Kurt Aquilina fil-fatt kellu fedina penali ghal kollox netta.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs Omar Psaila***" datata 20 ta' Gunju, 2014,fejn dwar il-vulnerabbilita' l-Qorti qalet hekk:

"

*Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u*

*fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx.*

*Ċertament, meta hemm dik il-pożizzjoni ta' vulnerabilita' t-teħid ta' stqarrija fl-assenza ta' avukat tista' twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Hekk, fil-każ ta' Salduz ir-rikorrent kellu biss sbatax-il sena meta ġie nterrogat mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta ħtija. Meta iżda, jumejn wara, reġa' ġie nterrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Fil-każ ta' "Panovits vs Ċipru"3 l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-Qorti kellha tikkundannah għal disprezz in faciem curia – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalita fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Każ ieħor fejn instab ksur kien dak ta' "Płonka vs Il-Polonja"4, fejn l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilita minħabba alkoħoliżmu. Fil-każ ta' "Amutgan vs it-Turkija"5, imsemmi mill-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, instab ksur f'ċirkostanzi fejn "the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer"6 għax "He maintained that he was illiterate and therefore he did not know what was written in his statement taken by the gendarmes. He also stated that this statement was read out to him and that he was forced to put his thumbprint on the statement to authenticate it"7.*

*Illi l-parir ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn iservi biex tingħeleb dik il-vulnerabilita' u biex tingħata garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija.*"

Ikkunsidrat dwar dan, illi verament Kurt Aquilina gie moghti l-kawtela kif riedet il-Ligi dak iz-zmien fit-tehid tal-istqarrija, u verament ma jirrizultax illi hu ma fehemx l-istess.

Pero l-Qorti tibqa' ferm pre-okkupata bl-eta' tenera tieghu u ma tistax serenament tghid illi hu, ta' guvnott zghir illi kien, ma hassx pressjoni biex jghid dak li stqarr!!

Kien ikollha konfort ikbar il-Qorti, kieku waqt l-istqarrija huwa kien akkumpanjat minn adult responsabbli ghalih.

Il-Qorti f'din il-konsiderazzjoni tfakkar illi hija ma tistax tara l-istampa li pinga ta' Kurt il-ko-imputat Zahra fl-istqarrija tieghu. Hija rinfaccata biss bi kwistjoni ta' vulnerabbilita', u f'kaz ta' dubbju dwar dan taghzel illi tiskarta l-istqarrija rilaxxata minn Kurt Aquilina, dan cio' nonostante li mhix rinfaccata b'xi tragedja kif esposta fid-decizjoni citata!

Kuntrarjament dan il-punt ta' vulnerabbilita' ma japplikax fil-kaz ta' Justin Zahra, li gia' kellu l-eta' ta' ghoxrin (20) sena fi zmien tat-tehid tal-istqarrija. Ghalkemm il-fedina penali ta' Zahra mhix mill-aghar, pero certament mhux pristina. Jibqa' l-fatt illi gia' kellu l-eta' ta' ghoxrin (20) sena.

Fl-istqarrija ammetta li fuqu kellu blokka ta' kulur kannella, allegatament raza tal-cannabis. Qal illi din kienet tieghu. Ammetta wkoll illi hu kien ser ibieghha, pero ma nafux lil

min. Qal illi ma kinx ghadu hallasha. Minnha qal illi kien ser jaqla’ tletin lira Maltin (Lm30.00). Qal illi ltaqa’ ma’ persuna Hal Qormi hdejn il-pompi u din ghaddietlu s-sapuna, cioe’ d-droga, raza tal-cannabis, illi sabu l-pulizija. Ftiehem ma’ din li kellu jhallasha wara l-bejgh. Minn hemm mar jigbor tfajla u persuna ohra ma’ min kien miftiehem. Jghid illi wara hames (5) minuti marru l-pulizija fuqu.

Ammetta li vera kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn prova jbiegh, pero minn kien ser jixtri ra l-prezz gholi wisq.

Ammetta li kien ilu erba’ (4) snin ipejjep il-cannabis. Qal illi ha l-ecstasy l-ahhar fl-ahhar xhur tas-sena 2006. Prova anke l-kokajina. Eroina qal li qatt ma ha.

Innega li qatt biegh xi bicca raza tal-cannabis.

Il-Qorti hawn tigbed l-attenzjoni ghall-fatt illi ghalkemm fl-istqarrija Justin Zahra semma lil Kurt Aquilina, ta’ dan il-Qorti ai termini tal-Artikolu 661 Kap 9, ma tatx kaz.

Rat ukoll il-verbali a folio 381 u 432 tal-atti, fejn l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li Kurt Aquiina kellu jibbenefika, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zewg gradi.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi addebitati fil-konfront taz-zewg akkuzati huma dawk ta’ assoccjazzjoni u traffikar.

Tibda l-Qorti biex tiskolpa ghal kollox minn dawn l-akkuzi lil Kurt Aquilina. L-unika rabtiet illi hemm bejn Zahra u Aquilina huma li Aquilina nstab fil-vettura ma’ Zahra, u dak li qal Zahra fuqu fl-istqarrija, li mhix ammissibbli bhala prova.

Gia’ spjegat il-Qorti, illi minhabba l-eta’ tieghu kienet qieghda tiskarta l-istqarrija, konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi.

Tfakkar il-Qorti, illi fi zmien tal-akkuzi kienu guvni tal-eta’ tenera ta’ sbatax(17)-il sena.

Issib htija pero fil-konfront ta’ pussess semplici ta’ ecstasy.

Justin Zahra minn naha l-ohra nstab fil-pussess tar-raza. Minn jeddu qal illi kellu ntenzjoni li jbieghha. Minn jeddu qal illi kellu ftehim li jhallas wara li hu jithallas taghha, allura wara li jbieghha, ghax hekk biss kien ser jigbor il-flus. Tkellem fuq il-ftehim illi kellu ma’ persuna biex hu jispacca d-droga. Qal fejn iltaqa’ mal-persuna li ghaddietlu d-droga, il-ftehim tal-hlas. Dan kellu jwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li hawn kien hemm dak il-‘*common design*’ - qbil ta’ zewg imhuh, li kellu jwassal ghall-ispacc tal-cannabis.

Hawn il-Qorti ser ticcita l-Scholarship Repository College of William & Mary Law School 1976 Criminal Conspiracy: The State of Mind Crime – Intent, Proving Intent, Anti-Federal Intent. Page 628:

“*To constitute criminal conspiracy the parties must understand in a wholly serious fashion that they are jointly reaching an agreement.*

*Traditionally, courts analysed the state of mind of both conspirators (the conspiracy requirement referred to two or more conspirators) to determine if more than one defendant intended to agree. If only one of the two conspirators meant to agree, and the other "conspirator" only feigned agreement or had actually contracted the police, the state of mind necessary for a conspiracy would not exist : at least two parties must intend to enter into the conspirational relationship.*"

Ammetta wkoll illi ha l-ecstasy u anke l-kokaina, dan pussess semplici tal-istess.

Illi ghalhekk, fil-konfront ta' Justin Zahra, qieghda ssib htija fuq l-akkuzi kollha, u dan wara li rat l-Artikoli 8, 22(1A), 22(1B), 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; L.S. 101.2 Reg 9; u wkoll 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985; L.S 31.18; l-Artikoli 40A u 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Kurt Aquilina, kif gia' inghad, qed tilliberah mill-akkuzi ta' assoccjazzjoni u traffikar, pero ssibu hati ta' pussess semplici ta' ecstasy, medicina ristretta u psikotropika u dan bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985; L.S. 31.18; l-Artikoli 40A u 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, fil-konfront ta' Kurt Aquilina, rat il-fedina penali tieghu – netta; qieset l-eta' tieghu; rat ghalhekk l-

Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda, anke wara li hadet in konsiderazzjoni tal-konkluzjonijiet tal-Pre-Sentencing Report, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha l-ohra, l-akkuzi li taghhom gie misjub hati Justin Zahra huma ta' natura ferm u ferm aktar serja;

Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lil Justin Zahra ghal piena karcerarja ta' tlitt (3) snin u ghal multa ta' hamest elef Ewro (€5,000), u dan anke wara li rat il-fedina penali tieghu.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KB 381.2007.

Tordna wkoll il-konfiska tal-vettura AAN968.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Justin Zahra u Kurt Aquilina, ihallsu l-ispejjez peritali ammontanti ghal hames mija u seba' Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€507.78) kull wiehed.

Il-Qorti spjegat lil Kurt Aquilina s-sinjifikat u obbligi naxxenti mill-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------